MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 55/1989/3

**Salem Nuri Razzewi**

**vs**

**Il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Jannar, 1989 l-attur ippremetta illi fit-12 ta’ Gunju, 1988 ghall-habta ta’ l-10.30 p.m. waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura mudel Mazda targata H1635 u dana minn Triq Testaferrata, l-Gzira, minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sewqan, tajjar lill-attur; illi b’konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attur garrab danni kbar fosthom dawk fil-persuna tieghu konsistenti f’debilitazzjoni permanenti u telf ta’ qligh mix-xoghol tieghu kif ukoll spejjez ta’ kura fl-isptar u spejjez ohra konsegwenzjali; illi l-konvenut qed jirrespingi kull addebitu ta’ htija; u ghalhekk talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kollha kagunati lill-attur fl-incident fuq riferit u dan in vista tan-negligenza, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan;

2. tillikwida d-danni kollha mgarrba mill-attur okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. tikkundannah biex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat bhala danni ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-prezenti att ta’ citazzjoni sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni ta’ l-istess biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

B’nota tat-22 ta’ Frar, 1989 l-konvenut eccepixxa li t-talba attrici hija infondata fid-dritt u fil-fatt, u dana ghaliex huwa fil-gurnata imsemmija fic-citazzjoni ma kienx qed isuq il-vettura li ggib in-numru H 1635 kif allegat li kien qed jaghmel fic-citazzjoni u izjed il-ghaliex huwa ma tajjar lil hadd fil-gurnata imsemmija fic-citazzjoni.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza parzjali tal-14 ta’ Novembru, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet l-ewwel talba ta’ l-attur kif dedotta u ddifferiet l-kawza ghall-kontinwazzjoni tas-smigh tal-provi fuq it-tieni

u t-tielet talba ta’ l-attur. Bl-ispejjez ghall-konvenut u dana wara li qalet hekk:-

*“Din il-Qorti qrat ix-xhieda li nghatat f’din il-kawza, aktar minn darba, u aktar ma taqrha, aktar tinsab konvinta li kien il-konvenut li laqghat lill-attur. Hawnhekk m’ahniex fil-kamp kriminali fejn htija trid tirrizulta minghajr dubbju ragjonevoli, izda fil-kamp civili fejn ir-responsabbilita` bizzejjed li tirrizulta “on a balance of probabilities”. Inoltre, din il-Qorti trid toqghod fuq dak li rrizulta f’dawn l-atti, u mhux fuq dak li setgha gie registrat li ntqal band’ohra, jew fuq dak li setgha rrizulta minn xi testijiet li ma sarux taht il-kontroll tal-partijiet involuti u ta’ din il-Qorti. Din il-Qorti, tikkonkludi li, fuq grad ta’ probabbilita` kien il-konvenut li laqghat lill-attur u kkagunalu griehi.*

*“Jista’ jkun, u probabbli hekk hu, li l-konvenut ma ndunax li l-laqat lill-attur. Forsi ghax kien id-dlam jew minhabba l-istat tieghu dak il-hin ta’ l-incident, il-konvenut ma rrealizzax li kien laqghat persuna, izda fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkustanzi tal-kaz kollha jindikaw lejn ir-responsabbilita` tal-konvenut. Veru li minn ezami tal-vettura ta’ l-attur* (recte ‘konvenut’) *ma jirrizultax preciz jekk kienetx involuta fl-incident jew le, pero` lanqas ma gie eskluz. Ticpis tad-demm ma nstabux, izda nstabu diversi daqqiet, whud, skond Dr. Abela Medici, friski (fol. 153). Ghalkemm id-daqqiet fuq il-karozzi ma setghux jigu relatati mal-incident, ma giex eskluz f’dawn l-atti, li dik il-karozza setghet kienet involuta fl-incident. Il-karozza ta’ ezatt warajh, dik taz-zewg xhieda msemmija, irrizulta li ma kellha ebda daqqa (fol. 93), fatt li tkompli titfa aktar verosimiljanza fuq il-verzjoni li huma taw.*

*“Stabbilit li l-konvenut kien tajjar lill-attur, irid, issa, jigi stabbilit jekk il-konvenut kellux tort fl-incident. L-attur jidher li kien fuq il-bankina, jew, kif jinghad aktar tard fil-kors tal-kawza, sieq fuq u sieq taht il-bankina (fol.73). Ix-xhud Vincent Bonello jikkonferma li l-attur kien ghadu kemm nizel mill-bankina meta ittajjar mill-konvenut. Persuna mixja fuq il-bankina u li taqbad u tinzel fil-karreggjata fejn ikunu ghaddejjin il-karozzi, hafna drabi tkun tassumi hi stess ir-responsabbilita` jekk tintlaqat,*

*ghax jekk tahsad sewwieq billi tfegg f'daqqa wahda quddiemu, ir-responsabbilita` ghandha tkun kollha taghha.*

*"Dan il-kaz, pero` ma kienx hekk. L-attur kien, fl-ahjar ipotesi ghall-konvenut, ezatt taht il-bankina, u l-konvenut, ghalkemm kellu jsuq fuq in-nahha tax-xellug tat-triq, kif fil-fatt kien, ma kellux isuq razenti l-bankina. Din il-Qorti tfakkar li, ghal xi zmien, ir-regolament tat-traffiku kienu jghidu li sewwieq ghandu jsuq "on the extreme left", izda din giet mibdula biex tindika li sewwieq ghadux (*recte: ghandu) *jsuq "on the left", precisament biex tkun cara li s-sewwieq m'ghandux isuq jew jafas ma' bankina, hlief biex jipparkja. Il-konvenut kien traskurat meta resaq lejn il-bankina, u dan jikkonferma li l-konvenut verament kien qed iserrep fit-triq. F'kull kaz, jirrizulta li l-attur kien ghadu taht il-bankina meta ittajjar, u l-konvenut ma kellux jersaq vicin il-bankina la darba ma kienx fi hsieb li jieqaf hemm. Sal-mument ta' l-incident, l-attur kien ghadu f'post fejn ma kellux jintlaqat minn sewwieq prudenti, u l-fatt li ntlaqghat, jindika li l-konvenut kien negligenti fis-sewqan tieghu u ghandu jinstab responsabbli ghall-griehi li sofra l-attur."*

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ipprezentat fis-6 ta' Frar 2003, wara d-debita awtorizazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Jannar, 2003, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza fuq imsemmija tigi revokata, mhassra u annullata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Mill-banda l-ohra il-kontro-parti talbet li s-sentenza tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**L-aggravji tal-konvenut appellant.**

L-aggravji ta' l-appellant huma principalment tlieta u cioe`:-

1) Il-pregudizzju soffert mill-konvenut bid-digriet ta’ l-4 ta’ Lulju, 2002 meta intlaqghat talba ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni.

2) Li x-xhieda prodotta hija konfliggenti u ma tissostanzjax it-talba attrici.
3) Li fi kwalunkwe kaz ic-cirkostanzi ta’ l-incident, kif irrizultaw lill-Qorti, kellhom jwasslu ghal dikjarazzjoni ta’ nuqqas ta’ responsabbilita` da parti tal-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti:-**

Dwar l-ewwel aggravju:-

Dawn il-proceduri huma intizi sabiex tigi dikjarata l-htija ghall-incident li sehh fit-12 ta’ Gunju, 1988 gewwa Testaferrata Street, Gzira meta l-attur allegatament gie milqut u mtajjar minn vettura tal-marka Mazda li ggib in-numru ta’ registrazzjoni H-1635. Fic-citazzjoni qed jigi allegat li dak il-hin ta’ l-incident din il-vettura kienet qed tinstaq mill-konvenut u li konsegwentement ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni rizultanti lill-attur.

Fin-nota prezentata fit-22 ta’ Frar, 1989, fost affarijiet ohra l-konvenut eccepixxa li t-talba attrici kienet infondata “*ghaliex huwa fil-gurnata msemmija fic-citazzjoni ma kienx qed isuq il-vettura li ggib in-numru H 1685* (li b’korrezzjoni mhux awtorizzata in-numru gie mibdul ghal 1635 kif imsemmi fic-citazzjoni) *kif allegat li kien qed jaghmel fic-citazzjoni.*” Fid-dikjarazzjoni annessa man-nota ta’ l-eccezzjonijiet l-istess konvenut kompla jenfasizza illi “*l-vettura li ggib in-numru H 1635 mhijiex tieghu u huwa qatt ma saqha.*”

Fil-verbal ta’ l-udjenza tal-4 ta’ Lulju, 2002 quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad, jinghad hekk:-
“*Dr. Leon Bencini ghall-attur, ghal kull bon fini, jirrileva li n-numru tal-karozza li kien qed isuq il-konvenut dak inhar ta’ l-incident kien H-1685 u mhux H-1635, kif indikat fil-premessi tac-citazzjoni bi zball dattilografiku*.”

L-ewwel Qorti ghalhekk ipprovdiet bil-mod segwenti:

"*Il-Qorti, taghmel referenza ghax-xhieda tal-konvenut a fol 104 tal-process, minn fejn jirrizulta li huwa mill-ewwel ammetta li dak inhar ta' l-incident kien qed isuq il-karozza bin-numru H-1685, u li kwindi tali zball fil-premessi tac-citazzjoni ma jidhirx li kienet ta' pregudizzju ghall-istess konvenut.*"

F'dik l-udjenza la kien prezenti l-konvenut u lanqas id-difensur tieghu u ghalhekk fir-rikors ta' l-appell qed jigi sottomess li din il-korrezzjoni awtorizzata fl-udjenza fuq imsemmija kienet legalment zbaljata mhux biss ghax saret fl-assenza tal-konvenut izda billi wkoll ippregudikat il-posizzjoni tieghu in kwantu xejnet l-ewwel eccezzjoni sollevata fin-nota ta' l-eccezzjonijiet.

Ghandu jigi rilevat fl-ewwel lok li l-izball fin-numru tal-vettura li kienet qed tigi segwita mix-xhieda Farrugia u Bonello u li allegatament ikkawzat l-incident mertu tal-kawza, jirrikorri mhux biss fic-citazzjoni izda f'diversi dokumenti ohra li jinsabu in atti. Infatti fl-ittra li l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin baghad lil People's Bureau of the Socialist People's Libyan Arab Jamahariya fit-28 ta' Lulju, 1988, jinghad li l-karozza li kienet ittiehdet "*to the C.I.D. yard for further investigations*" u li kienet misjuqa mill-konvenut kienet iggib in-numru H-1635. Dan l-izball jirrikorri wkoll fl-Okkorrenza ta' l-Incident redatta mis-Surgent Micallef.

L-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li "*il-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta' wahda mill-partijiet, wara li tisma' <u>meta mehtieg</u> lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita` li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, <u>sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.</u>*"

Dan l-artikolu jidher li ghandu l-iskop li jissalvagwardja l-validita` ta' l-atti gudizzjarji u b'hekk jwarrab il-possibilita` ta' moltiplikazzjoni ta' proceduri minhabba dikjarazzjoni tan-nullita` ta' dawk l-atti. Jidher ukoll li, b'dan l-artikolu, l-legislatur ta poteri wisghin hafna lill-qrati billi l-artikolu jikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-att. Din id-diskrezzjoni, inoltre tista' tigi ezercitata minghajr il-htiega li tinstema' l-parti kuntrarja jekk il-Qorti thoss li tali intervent ma jkunx la mehtieg u lanqas necessarju. L-unika kwalifika li jimponi l-artikolu citat hija dik li kull "*sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.*"

Il-meritu proprju tal-kawza jinsab ben delinjat fit-talbiet tac-citazzjoni fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident imsemmi u konsegwentement kundannat ihallas id-danni kagunati. Ghalkemm huwa minnu li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet il-konvenut jirrileva li l-vettura msemmija fil-premessi tac-citazzjoni ma kienetx misjuqa minnu, meta l-Qorti ezaminat l-andament tal-kawza u l-linja difenzjonali tal-konvenut, jidher car li d-difiza proprja tieghu kienet li huwa ma kien tajjar il-hadd tant hu hekk li fl-istess nota ta' l-eccezzjonijiet l-istess konvenut wara li jghid li t-talba ta' l-attur hija infondata minhabba l-fatt tan-numru tal-vettura indikata fic-citazzjoni jkompli jenfasizza n-nuqqas ta' htija billi jghid "*<u>u izjed</u> il-ghaliex huwa ma tajjar lil hadd fil-gurnata msemmija fic-citazzjoni.*" Ghalhekk l-indagini li kellha taghmel l-ewwel Qorti, u li din il-Qorti ser tezamina, ma kienitx tikkoncerna tant in-numru tal-vettura li, wara kollox hija haga incidentali u kompletament irrilevanti bil-mod kif zviluppaw ruhhom il-provi, izda jekk verament kienx il-konvenut li laqat lill-attur, u, fi stadju ulterjuri, jekk l-incident sehhx tort tal-konvenut jew minhabba xi htija ta' l-istess attur jew taz-zewg partijiet in kawza. In-numru tal-vettura vera huwa indikat b'mod zbaljat pero` dan gara izjed minhabba li l-istess attur, li wara kollox fil-mument ta' l-akkadut certament ma setghax jiehu konjizzjoni tan-numru tal-vettura li laqtitu, gie indott fi zball mir-rizultanzi fl-atti ufficjali fuq imsemmija, milli minhabba ragunijiet ta' dattilografar kif osservat l-ewwel Qorti. Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda gustifikazzjoni ghal dan l-aggravju

billi l-korrezzjoni awtorizzata la bidlet in-natura tac-citazzjoni u lanqas ma sejra teffettwa l-eccezzjoni proprja tal-konvenut. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

Dwar it-tieni aggravju.

L-appellant qed jissottometti li l-ewwel Qorti kienet skorretta fil-konkluzzjonijiet taghha dwar minn laqat lill-attur billi l-istess Qorti ibbazat il-konsiderazzjonijiet taghha principalment fuq ix-xhieda ta’ Carmelo Farrugia u Vincent Bonello, liema xhieda, skond il-konvenut appellant hija inkonsistenti.

Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li l-ewwel Qorti ghamlet, kif del resto kellha taghmel, enfasi fuq ix-xhieda ta’ dawn iz-zewg persuni. Dana billi, wara kollox, kienu huma li mhux biss raw l-incident jigri quddiemhom, talli wkoll kienu huma li, b’sens civiku, telqu jigru wara l-vettura li kienet involuta fl-incident sakemm din waqfet. Inoltre kienu dawn ix-xhieda li rrinfaccaw lill-konvenut b’akkuza tant serja u, anke, forsi minhabba l-eta` taghhom, ghamlu dan minghajr hsieb ta’ dak li seta’ jigri f’sitwazzjoni simili. Izda din il-Qorti tapprezza li, minkejja d-diffikultajiet kollha li incident awtomobilistiku li jinkwadra fid-definizzjoni ta’ “*hit and run*” jista` jipprezenta lill-gudikant, l-ewwel Qorti, filwaqt li stqarret d-dubbji taghha, ghamlet ezami akkurat tal-provi prodotti u waslet biex iddikjarat dak, li fil-kuxjenza taghha, hasset li verament kien jirrifletti l-verita`.

F’dan ir-rigward din il-Qorti tikkondividi s-sottomissjonijiet tal-konvenut meta, fir-rikors ta’ l-appell jisottolinea diversi inkonsistenzi, pero` tosserva li hafna drabi dawn l-inkonsistenzi aktar jinducu lill-Qorti tirrifletti u tikkoncentra fuq l-punti <u>principali</u> tal-kaz, osservazzjoni din maghmula wkoll mill-ewwel Qorti. Dan premess din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax ukoll li fix-xhieda tal-konvenut innifsu hemm numru ta’ inkonsistenzi bejn dak li qal fl-istqarrija tieghu mal-pulizija u dak li xehed quddiem din il-Qorti – inkonsistenzi li ripetutatment gew rilevati u sottolineati b’mod l-aktar specifiku mid-difensur ta’ l-attur.

Huwa minnu li l-konvenut huwa konfortat mill-fatt li l-inkjesta magisterjali skagunatu mill-akkadut; li l-espert tekniku ma ikkonstata ebda demm fuq il-vettura tieghu u li d-danni riskontrati fil-vettura tal-konvenut jew kienu antiki jew mhux necessarjament relatati ma’ l-incident. Huwa wkoll konfortat il-konvenut mill-fatt li l-pulizija ma pprocedewx kriminalment kontra tieghu – dan bhala konsegwenza necessarja tar-rizultanzi ta’ l-inkjesta, u li finalment l-istess konvenut kellu ezitu favorevoli fi proceduri ta' libell li huwa istitwixxa appozitament kontra gazzetti li rabtu l-akkadut imsemmi fic-citazzjoni ma’ xi nuqqas da parti ta’ l-istess konvenut.

B’dana kollu din il-Qorti, wara li regghet ezaminat bir-reqqa l-provi processwali hija tal-fehma li l-konkluzzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti dwar il-fatt li l-attur gie milqut mill-konvenut kienu korretti. F’dan ir-rigward jigi rilevat li l-incident in kwistjoni kienu rawh zewg persuni kompletament indipendenti u imparzjali li mhux biss raw l-incident izda li sahansitra marru jigru wara l-vettura li kkawzat l-incident. Issa huwa minnu u mhux qed jigi michuda li l-konvenut fid-data ta’ l-incident u proprju fil-hin ta’ l-akkadut, kien ghaddej bil-vettura tieghu numru H-1685 minn Testaferrata Street fid-direzzjoni ta’ Tas-Sliema. Huwa fatt ukoll li l-vettura tal-konvenut kienet Mazda bajda bin-numru li huwa simili hafna ghal dak li x-xhieda okulari indikaw lill-awtoritajiet. Hawn jinghad li huwa facli hafna li n-numru ‘8’ jigi skambjat ghan-numru ‘3’ fic-cirkostanzi ta’ dawl li kien hemm waqt l-incident. Pero` jigi rilevat ukoll li x-xhieda okulari ma ittitubawx la dwar l-ittra li tipprecedi n-numru u lanqas dwar in-numri l-ohrajn tal-vettura tal-konvenut li fir-realta` kienu ferm aktar facli li jigu decifrati.

Fattur iehor rilevanti huwa l-insegwiment tal-konvenut mix-xhieda Farrugia u Bonello. Infatti dawn jghidu li huma telqu jigru warajh u jdoqqulu l-horn u jsehulu sakemm spicca biex waqaf. L-istess konvenut jghid li meta wasal qrib l-Istadium hass li kien hemm persuni go vettura jsegwuh u mill-attitudini taghhom huwa beza. Issa bejn fejn gara l-incident u l-wara ta’ l-Istadium ma hemmx xi distanza kbira b’mod li ma kienx hemm il-possibilita` li x-

xhieda okulari jitilfu kuntatt vizwali mal-vettura li kienet allegatament kkawzat l-incident u li huma kellhom l-intenzjoni li jwaqqfu. Ma ngibet ebda prova li fl-intervent ta’ bejn meta x-xhieda waqfu biex jaraw x’garalu l-attur u l-insegwiment, ghaddew xi karozzi ohra fl-istess direzzjoni jew li sahansitra ghaddiet vettura ohra tat-tip Mazda bajda b’numru simili hafna ghal dik ta’ l-istess konvenut. Din il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-vettura li giet insegwita minn Farrugia u Bonello u li eventwalment irrizulta li kienet tal-konvenut u misjuqa minnu, kienet l-istess vettura li x-xhieda okulari kienu raw tolqot lill-attur.

Dwar il-provi ‘negattivi’ ta’ l-inkjesta din il-Qorti ma thossihx f’posizzjoni li tikkummenta. Kif, korrettament lanqas ma ikkummentat l-ewwel Qorti u dana principalment ghaliex il-provi li rrizultaw fl-inkjesta ma tressqux quddiem l-ewwel Qorti b’mod li l-attur seta’ jikkontrolla l-konkluzzjonijiet raggunti. B’dana kollu din il-Qorti tosserva li partikolarment dwar id-daqqa fil-vettura tal-konvenut li grat b’konsegwenza ta’ l-impatt bejn il-vettura tieghu u l-attur is-sottomissjonijiet ta’ Dr Abela Medici mhux daqstant konvincenti. Infatti jidher li dan l-espert ghamel enfazi kbira fuq li stat malandat tal-vettura tal-konvenut, pero` meta kkonstata daqqa fuq ‘headlamp’ li, skond id-deskrizzjoni ta’ kif gara l-incident, setghet facilment kienet l-‘point of impact’ ta’ l-incident in kwistjoni, l-istess espert ma ghamel ebda indagini approfondita. Kollox ma kollox din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur intlaqat mill-konvenut u f’dan ir-rigward tikkondivi l-konkluzzjoni ta’ l-ewwel Qorti. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

Dwar it-tielet aggravju.

Id-determinazzjoni tar-responsabbilita` ghall-incident hija necessarja-ment marbuta u konsegwenzjali ghac-cahda tat-tieni aggravju tal-konvenut appellant. Stabbilit ghalhekk li kien il-konvenut li laqat lill-attur bil-vettura tieghu fid-data u hin imsemmija fic-citazzjoni, din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkunsidra jekk, fic-cirkostanzi ta’ kif gara l-incident, il-konvenut appellant kellux htija ghall-akkadut.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-incident de quo sehh kompletament tort tal-konvenut billi dan saq rasenti l–bankina fejn laqat lill-attur li kien jew fuq il-bankina (kif jsostni l-istess attur) jew ghadu kemm nizel minn fuq il-bankina (kif jghid ix-xhud Vincent Bonello). L-ewwel Qorti kompliet tispjega li ghalkemm wiehed ghandu jsuq fuq ix-xellug tat-triq, fejn effettivament kien ghaddej il-konvenut, li tghaddi taht l-bankina ma huwiex deziderabbli, kif l-emenda ghall-artikolu partikolari tar-regolamenti tat-traffiku jindika, u konsegwentement tali sewqan jista' jwassal ghall-sejbin ta' htija.

Din il-Qorti tikkondividi l-hsieb ta' l-ewwel Qorti dwar mod prudenti ta' sewqan, biss mir-rizultanzi tal-kaz hija tal-fehma li kellu jkun hemm apporzjonament fl-aspett ta' htija. Infatti kollox jindika li l-istess attur mhux talli nizel minn fuq il-bankina tan-nahha tax-xellug u mexa bicca sew fil-karreggata talli l-istess attur kien qed jinjora kompletament l-presenza u l-avvicinament ta' vetturi fil-kareggata.

a) Qabel xejn jigi rilevat li Testaferata Street hija triq dritta xema u mill-parti fejn din tghaddi minn quddiem ix-*showroom* ta' Mizzi Motors u fejn it-triq tibda niezla ghan-nizla, sa fejn sehh l-incident, hemm distanza ta' cirka mija u hamsin metru fid-dritt b'mod li, specjalment matul il-lejl, il-vetturi gejjin mid-direzzjoni ta' l-Imsida jkunu facilment vizibbli sew ghat-traffiku li gej mill-faccata kif ukoll ghall-utenti l-ohra tat-triq bhal ma kien l-istess attur. Jigi rilevat li ma tressqet ebda prova, u lanqas gie allegat, li l-konvenut kien isuq bla dwal fil-mument ta' l-incident u ghalhekk din il-Qorti ghandha tassumi li ghal distanza konsiderevoli l-vettura tal-konvenut kienet tidher fit-triq.

b) B'dana kollu l-attur jghid li huwa qatt ma ra l-vettura li laqtitu hlief fil-mument tal-habta u cioe` meta gie milqut. Qabel ma ra xejn. Dan juri mhux biss li l-istess attur ma kienx attent, izda li wkoll ittanta jaqsam it-triq, kif se jirrizulta aktar 'l isfel, minghajr ma ha l-prekawzzjonijiet necessarji billi, f'kaz li jkun hemm traffiku fil-vicinanzi, joqghod lura milli jaqsam. Jirrizulta li immedjatament qabel ma gie milqut l-attur kien xejjer lill-persuna ohra ta'

nazzjonalita` Gharbija billi ried jkellmu. Din il-persuna li qatt ma ngiebet bhala xhud, kienet, skond l-istess attur, tinsab fuq in-naha l-ohra tat-triq u ghalhekk mhux improbabbli li l-attur ghamel attentat li jaqsam it-triq biex imur qrib din il-persuna.

c) Waqt l-access (fol. 72) l-attur indika lill-Qorti l-posizzjoni fejn huwa kien jinsab b'sieq wahda fuq il-bankina u ohra fit-triq. Hu kompla jispjega li bid-daqqa huwa spicca ghan-naha tan-nofs tat-triq. F'din il-parti tax-xiehda l-attur huwa korroborat mix-xhieda Bonello u Farrugia li stqarrew li kellhom jieqfu billi l-attur spicca ma' l-art quddiemhom. Jirrizulta li l-attur gie milqut bin-naha tax-xellug tal-vettura u, mir-rizultanzi ta' l-inkjesta magisterjali, presumibilment bil-'pinna' tax-xellug ta' quddiem fejn tinsab il-"head lamp". Jekk verament l-attur kien fuq il-bankina ma' l-impatt u gie milqut kif inghad hawn fuq huwa inverosimili hafna li bid-daqqa spicca lejn nofs it-triq. Hija haga normali li persuna li tintlaqat bil-parti tax-xellug ta' vettura tigi imbuttata lejn ix-xellug u cioe` fil-kaz in ezami, ghal fuq il-bankina u mhux lejn nofs it-triq. L-izjed li jista' jigri hu li dik il-persuna tigi mbuttata l-quddiem b'mod li tispicca taht il-bankina. Waqt l-access ix-xhud Bonello qal li "*rajt lill-Gharbi hiereg mill-Gzira Bar, mar biex jaqsam u kif kien qieghed biex jaqsam, intlaqat mill-karozza.*" Din ix-xhieda wahedha ma tmurx kontra dak li qal l-attur. Izda l-istess xhud kompla jindika lill-Qorti fejn l-attur kien intlaqat billi, fuq skizz li ghamlet il-Qorti f'dik l-okkazzjoni, indika l-posizzjoni fil-karreggata 'l barra mil-linja tal-vetturi pparkjati fuq in-naha fejn kien qed jaqsam l-attur. Dan ifisser li l-attur ma kienx fuq il-bankina kif jghid hu izda kien mexa fil-karreggata b'mod li gie skopert mil-linja tal-vetturi hemm ipparkjati. Din il-verzjoni taghmel sens ukoll billi l-vetturi ipparkjati fuq in-naha tax-xellug kienet taghmilha impossibbli ghall-attur biex jidhol tant vicin il-bankina u hemm jolqot lill-attur minghajr ma jahbat ma xi wahda minn dawn il-vetturi pparkjati. Haga li anke x-xhieda Bonello u Farrugia qatt ma jghidu li l-konvenut ghamel, minkejja li jghidu li qabel l-incident l-attur kien qed iserrep fil-karreggata.

d) Il-hrug ta’ l-attur fuq il-karreggata, b’mod istantaneu u inaspettat, kienet ghalhekk il-kawza prossima ta’ l-incident billi l-attur hareg ghal fuq il-karreggata minn wara karozzi ipparkjati. Jigi osservat f’dan ir-rigward li ghalkemm huwa minnu li t-triq qeghda hemm ghal kull hadd u cioe` kemm vetturi kif ukoll *pedestrians*, bhala regola generali l-bankina hija riservata ghall-*pedestrians* waqt li l-karreggata hija intiza ghall-uzu tal-vetturi. Isegwi li meta l-attur invada dik il-parti riservata ghat-tragitt tal-karozzi, kien mistenni minnu li jiehu l-prekawzzjonijiet kollha mehtiega qabel ma jittanata jaqsam.

e) B’dana kollu din il-Qorti tirraviza certa negligenza fil-konvenut u dana principalment minhabba l-mod li kien qed isuq, kif ighidu l-persuni li kienu jinsabu fil-vettura mixja warajh. Li sserrep minn naha ghall-ohra, anke jekk tibqa’ fuq in-naha tieghek tat-triq, huwa indikattiv li mhux kollox huwa normali. Ghalkemm saret allegazzjoni li l-konvenut kien fi stat in inebriatezza din l-akkuza giet michuda mill-istess konvenut. Dwar dan jigi osservat li l-konvenut ighid li huwa kien issottometta ruhu ghat-test ta’ l-*alcohol level*, pero’ ma gab ebda prova ta’ dan. Jekk mhux minhabba ragunijiet ta’ xorb jista’ jkun li s-sewqan tal-konvenut ma kienx “*up to standard*” ghal ragunijiet ohrajn; zgur pero` li minhabba l-mod kif il-konvenut beda jserrep, kien jidher li ma kienx fi stat ideali li jikkontrolla vettura u certament ma setax kellu l-attenzjoni rikjesta minn sewieq prudenti. Dan certament juri li kien hemm kontributorjeta` ghall-akkadut da parti tal-konvenut billi dan ma setghax kien qed jezercita l-attenzjoni ta’ ‘*bonus pater familias*’ u konsegwentement ma kienx attent ghal dak kollu li qed jigri fit-triq b’mod li meta inqalghet emergenza ma setghax jiehu azzjoni evaziva.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ssib li l-aggravju rigwardanti l-korrezzjoni tac-citazzjoni mhux gustifikat, li l-aggravju dwar minn laqat lill-attur mhux gustifikat; biss tilqa’ l-aggravju dwar ir-responsabbilita` ghall-incident billi tiddikjara li dan sehh tort tal-kontendenti fi proporzjonijiet ugwali bejniethom u ghalhekk tilqa’ l-appell limitatament fuq dan l-aggravju u b’hekk tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-incident sehh kemm tort ta’ l-attur kif ukoll

tort tal-konvenut fi kwoti ugwali bejniethom, u tikkonferma s-sentenza ghall-bqija. Din il-Qorti ghalhekk qed tirrinvija l-atti tal-kawza lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli tigbor il-provi u tiddecidi dwar it-tieni u t-tielet talbiet fil-kuntest ta' dak li gie deciz hawn fuq.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-prim istanza u dawk ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------